Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,290, 26 ta' Lulju, 2024

Taqsima B

A.L. 171 tal-2024

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti fil-Katina tal-Provvista Alimentari

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti fil-Katina tal-Provvista Alimentari u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti fil-Katina tal-Provvista Alimentari, hawn aktar 'l quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 117.42.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fin-nota marġinali tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "TTitolu" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Titolu".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

3. It-tieni proviso tas-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll għall-finijiet tas-subparagrafi (i) sa (iv), fejn ix-xerrej jistabbilixxi l-ammont pagabbli, il-perjodi ta' ħlas previsti fis-subparagrafi (i) u (ii) għandhom jibdew jiddekorru mit-tmiem ta' perjodu miftiehem għall-kunsinna li matulu jkunu saru l-kunsinni, filwaqt li l-perjodi ta' ħlas previsti fis-subparagrafi (iii) u (iv) għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-kunsinna:".